# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 298

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

16 ta' Ottubru 2014


Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju** ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1082/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċinturin iswed fl-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2014 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa** [1] ..... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1084/2014 tal-15 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tad-difosfati (E 450) bħala aġent levitanti u regolatur tal-aċidità fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta** [1] ..... 8

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2014 tal-15 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 10


DIRETTIVI


★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/96/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar ir-rekwiżiti għat-tikkettar, is-siġillar u l-imballaġġar ta' materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u ta' pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE** ..... 12

★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/97/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' fornituri u ta' varjetajiet u l-lista komuni ta' varjetajiet** ..... 16


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/98/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi tal-pjanti tal-frott imsemmija fl-Anness I tagħha, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali** ................................ 22

---

## Rettifika

★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/314/UE tat-28 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE għall-ħiters idroniċi** (ĠU L 164, 3.6.2014) .................... 62

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1081/2014

**tat-13 ta' Ottubru 2014**

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata tagħhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

### Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

### Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 48/TQ43 |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Stokk | HKE/8ABDE |
| Speċi | Merluzz (*Merluccius merluccius*) |
| Żona | VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe |
| Data tal-għeluq | 13.9.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1082/2014

## tat-13 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għaċ-ċinturin iswed fl-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti għall-2014 huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 ([2]).

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 54/DSS |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | BSF/8910 |
| Speċi | Ċinturin iswed (*Aphanopus carbo*) |
| Żona | L-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X |
| Data tal-għeluq | 16.9.2014 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1083/2014**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital). Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) bħala additttiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa li għandu jintuża għat-tul kollu tal-perjodu taċ-ċiklu riproduttiv, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) L-użu tal-preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) kien awtorizzat provviżorjament għall-qżieqeż u l-ħnieżer tas-simna bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 666/2003 ([2]), provviżorjament għall-ħnieżer nisa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2154/2003 ([3]), provviżorjament għat-tiġieġ tas-simna bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 521/2005 ([4]), għal għaxar snin għall-qżieqeż miftuma u għall-ħnieżer tas-simna bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 538/2007 ([5]) u għal għaxar snin għall-ħnieżer nisa mid-90 jum tat-tqala sal-aħħar taż-żmien tat-treddigħ bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1521/2007 ([6]).

(5) Fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Frar 2014 ([7]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) ma għandhiex effett ħażin fuq saħħet l-annimali, saħħet il-bniedem jew l-ambjent. Hija kkonkludiet ukoll li l-addittiv għandu l-potenzjal li jżid il-piż tal-qżieqeż imwelda jew iżomm il-kundizzjoni tal-ħanżira. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dik il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Bħala konsegwenza tal-awtorizzazzjoni mogħtija b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 1521/2007 għandu jiġi rrevokat.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 666/2003 tal-11 ta' April 2003 provviżorjament jawtorizza ċerti mikro-organiżmi f'ikel (ĠU L 96, 12.4.2003, p. 11).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2154/2003 tal-10 ta' Diċembru 2003 provviżorjament jawtorizza ċerti mikro-organiżmi f'ikel (*Enterococcus faecium* u *Lactobacillus acidophilus*) (ĠU L 324, tal-11.12.2003, p. 11).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 521/2005 tal-1 ta' April 2005 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv u l-awtorizzazzjoni provviżorja ta' użi ġodda ta' ċerti addittivi diġà awtorizzati fl-għalf (ĠU L 84, 2.4.2005, p. 3).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 538/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-*Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv tal-għalf (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 16).
([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1521/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-*Enterococcus faecium* DSM 7134 (Bonvital) bħala addittiv tal-għalf (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 24).
([7]) EFSA Journal 2014; 12(2):3565

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tagħmel parti mill-kategorija ta' "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzanti tal-batterja tal-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1521/2007 huwa rrevokat.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti tal-batterja tal-musrana** | | | | | | | | | |
| 4b1841 | Lactosan GmbH & Co KG | *Enterococcus faecium* DSM 7134 | *Kompożizzjoni tal-addittiv:*<br>Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 li tinkludi minimu ta':<br>Trab: $1 \times 10^{10}$ CFU/g ta' addittiv<br>Grani (mikroinkapsulati): $1 \times 10^{10}$ CFU/g ta' addittiv<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:*<br>Ċelloli vijabbli ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134<br>*Metodu analitiku* [1]<br>Enumerazzjoni: metodu tat-tifrix fuq dixx bl-użu ta' bile esculin azide agar (EN 15788)<br>Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (Pulsed Field Gel Electrophoresis — PFGE). | Ħnieżer nisa | — | $5 \times 10^8$ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà għat-tgerbib.<br>2. Għas-sigurtà: huwa rrakkomandat li jintużaw protezzjoni għall-imnifsejn u ingwanti waqt l-immaniġġjar. | Il-5 ta' Novembru 2014 |

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1084/2014**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tad-difosfati (E 450) bħala aġent levitanti u regolatur tal-aċidità fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2013 tressqet talba għall-awtorizzazzjoni tal-użu tad-difosfati (E 450) bħala aġent levitanti u regolatur tal-aċidità fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta, u tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

(4) Għall-għaġina friska hemm bżonn ta' sistema levitanti bbażata fuq il-bikarbonat tas-sodju (E500), id-difosfati (E 450) u l-ħmira li jintużaw għall-preparazzjoni ta' pizzez, quiches, torti u prodotti simili. Din l-għaġina ma għandhiex togħla meta tiġi mkessha iżda għandha tiġi attivata matul l-aħħar fażi ta' preparazzjoni mill-konsumatur stess. Il-bikarbonat tas-sodju huwa prinċipalment responsabbli għal-levitazzjoni filwaqt li l-ħmira, b'attivitajiet baxxi ta' levitazzjoni, hija meħtieġa l-aktar għall-iżvilupp tat-togħma tipika aromatika. Id-difosfati huma meħtieġa bħala regolaturi tal-aċididtà sabiex jikkontrollaw il-formazzjoni tad-diossidu tal-karbonju mill-bikarbonat tas-sodju.

(5) Sistema levitanti bħal din, li hija bbażata fuq il-bikarbonat tas-sodju, id-difosfati u l-ħmira, tista' tintuża bħala alternattiva għad-dqiq li jikber minnu nnifsu, li fih huma awtorizzati livelli għolja ta' fosfati. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni għall-użu tad-difosfati fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta ma tirriżultax f'żieda fit-teħid ta' fosfati. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tad-difosfati bħala aġent levitanti u regolatur tal-aċidità fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta li tintuża bħala bażi għall-pizzez, il-quiches, it-torti u għal prodotti simili.

(6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta l-aġġornament ikkonċernat ma jkunx mistenni jħalli effett fuq saħħet il-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni għall-użu tad-difosfati bħala regolatur tal-aċidità fl-għaġina bil-ħmira preparata lesta li tintuża bħala bażi għall-pizzez, il-quiches, it-torti u prodotti simili ma titqiesx bħala li hi ta' tħassib għas-sikurezza, m'hemmx għalfejn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

(7) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

*ANNESS*

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fil-kategorija 07.1 "Ħobż u bziezen", wara l-annotazzjoni għall-addittiv E 338 - 452 għandha tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 450 | Difosfati | 12 000 | (4) | għaġina bil-ħmira preparata lesta, ippakkjata minn qabel u mkessħa biss, li tintuża bħala bażi għall-pizzez, il-quiches, it-torti u għal prodotti simili" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1085/2014**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 64,0 |
| | MA | 122,4 |
| | MK | 60,9 |
| | ZZ | 82,4 |
| 0707 00 05 | TR | 158,2 |
| | ZZ | 158,2 |
| 0709 93 10 | TR | 142,8 |
| | ZZ | 142,8 |
| 0805 50 10 | AR | 95,1 |
| | BR | 84,6 |
| | CL | 109,5 |
| | TR | 111,7 |
| | UY | 97,0 |
| | ZA | 101,1 |
| | ZZ | 99,8 |
| 0806 10 10 | BR | 191,0 |
| | MK | 34,4 |
| | TR | 143,7 |
| | ZZ | 123,0 |
| 0808 10 80 | BA | 49,5 |
| | BR | 53,2 |
| | CL | 89,4 |
| | NZ | 134,3 |
| | US | 192,1 |
| | ZA | 119,7 |
| | ZZ | 106,4 |
| 0808 30 90 | CN | 75,7 |
| | TR | 116,3 |
| | ZA | 80,2 |
| | ZZ | 90,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/96/UE

### tal-15 ta' Ottubru 2014

### dwar ir-rekwiżiti għat-tikkettar, is-siġillar u l-imballaġġar ta' materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u ta' pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Huwa xieraq li jiġu adottati rekwiżiti fir-rigward tat-tikkettar, is-siġillar u l-imballaġġar ta' materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u ta' pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott sabiex jiġi żgurat li l-kummerċjalizzazzjoni ssir skont id-Direttiva 2008/90/KE.

(2) Jeħtieġ li jiġu previsti rekwiżiti dwar is-siġillar u l-imballaġġar fir-rigward ta' materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott ċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat u fir-rigward ta' pjanti tal-frott iċċertifikati b'mod uffiċjali bħala materjal iċċertifikat.

(3) Il-materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat għandu jiġi kkummerċjalizzat b'tikketta li tissodisfa ċertu rekwiżiti. Din it-tikketta għandha tiġi mħejjija u għandha titwaħħal mill-korp uffiċjali responsabbli. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibiltà li jistipulaw li l-korp uffiċjali responsabbli jkun jista' jippermetti li l-fornitur iħejji u jwaħħal it-tikketta taħt is-superviżjoni tiegħu. Fi kwalunkwe każ, id-disinn tat-tikketta għandu jiġi stabbilit mill-korp uffiċjali responsabbli, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

(4) Sabiex ikun jista' jkun hemm lottijiet ta' varjetajiet jew tipi differenti ta' materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat li jiġu kkumerċjalizzati flimkien, l-Istati Membri għandhom jingħataw permess li jipprevedu li jkun hemm dokument ta' akkumpanjament li jikkumplimenta t-tikketta sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni lill-utenti u sabiex jittejbu t-traċċabbiltà u l-kontrolli tal-lottijiet fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni. Dan id-dokument għandu jitħejja mill-korp uffiċjali responsabbli, jew mill-fornitur ikkonċernat taħt is-superviżjoni tal-korp uffiċjali responsabbli.

(5) Għall-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal CAC (*Conformitas Agraria Communitatis*) għandu jkun meħtieġ dokument imħejji mill-fornitur.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Pjanti tal-Ġeneri u l-Ispeċi tal-Frott,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Rekwiżiti dwar it-tikkettar, is-siġillar u l-imballaġġar**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "materjal tal-propagazzjoni", iċċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat, kif ukoll il-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott, minn hawn 'il quddiem imsejħa "pjanti tal-frott", iċċertifikati b'mod uffiċjali bħala materjal iċċertifikat, jiġu kkummerċjalizzati biss jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti dwar it-tikkettar, is-siġillar u l-imballaġġar stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4. Fejn xieraq, jista' jintuża dokument ta' akkumpanjament, kif stipulat fl-Artikolu 3, biex tiġi kkomplementata t-tikketta.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jikkwalifikaw bħala materjal CAC (*Conformitas Agraria Communitatis*) jiġu kkummerċjalizzati biss jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 fir-rigward tad-dokument tal-fornitur.

([1]) ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.

*Artikolu 2*

**It-tikketta għal materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat tiġi mħejjija u mwaħħla tikketta li tkun konformi mal-paragrafi 2 sa 5. It-tikketta għandha titwaħħal mal-pjanti jew mal-partijiet tal-pjanti li għandhom jiġu kkumerċjalizzati bħala materjal tal-propagazzjoni jew bħala pjanti tal-frott, u dan għandu jsir mill-korp uffiċjali responsabbli. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-korp uffiċjali responsabbli jkun jista' jippermetti li l-fornitur iħejji u jwaħħal it-tikketta taħt is-superviżjoni tiegħu. Id-disinn tat-tikketta għandu jiġi stabbilit mill-korp uffiċjali responsabbli, b'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4.

Il-materjal tal-propagazzjoni jew il-pjanti tal-frott li huma parti mill-istess lott jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'tikketta waħda meta tali materjal jew tali pjanti jkunu parti mill-istess pakkett, mazz jew kontenitur, u meta dik it-tikketta titwaħħal skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-pjanti tal-frott li jkunu ta' età ta' sena jew aktar jiġu ttikkettati individwalment. F'dan il-każ, it-tikkettar jista' jsir fl-għalqa qabel ma l-pjanta tinqala' mill-għeruq, jew wara. Meta t-tikkettar isir aktar tard, pjanti tal-istess lott għandhom jinqalgħu mill-għeruq flimkien u jinżammu separati minn lottijiet oħra f'kontenituri ttikkettati sakemm dawk il-pjanti jiġu ttikkettati.

2. Fuq it-tikketta għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-indikazzjoni "Regoli u standards tal-UE";

(b) l-Istat Membru tat-tikkettar, jew il-kodiċi rispettiv;

(c) il-korp uffiċjali responsabbli jew il-kodiċi rispettiv;

(d) isem il-fornitur, jew in-numru ta' reġistrazzjoni/kodiċi tiegħu maħruġ mill-korp uffiċjali responsabbli;

(e) in-numru ta' referenza tal-pakkett jew mazz, in-numru tas-serje individwali, in-numru tal-ġimgħa jew in-numru tal-lott;

(f) l-isem botaniku;

(g) il-kategorija u, għall-materjal bażiku, anki n-numru tal-ġenerazzjoni;

(h) id-denominazzjoni tal-varjetà u, fejn xieraq, il-klonu. Fil-każ ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà, l-isem tal-ispeċi jew tal-ibridu interspeċifiku kkonċernat. Għal pjanti tal-frott imlaqqma, din l-informazzjoni għandha tingħata għar-riżoma u għall-parti mlaqqma ta' fuq. Fil-każ tal-varjetajiet li għalihom tkun għadha pendenti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni uffiċjali jew għal dritt fuq varjetà ta' pjanta, din l-informazzjoni għandha tindika: id-"denominazzjoni proposta" u l-"applikazzjoni pendenti";

(i) l-indikazzjoni "varjetà b'deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali", fejn xieraq;

(j) il-kwantità;

(k) il-pajjiż ta' produzzjoni u l-kodiċi rispettiv, meta l-pajjiż ta' produzzjoni jkun differenti mill-Istat Membru ta' tikkettar;

(l) is-sena tal-ħruġ;

(m) f'każ li t-tikketta oriġinali tinbidel b'tikketta oħra: is-sena tal-ħruġ tat-tikketta oriġinali.

3. It-tikketta għandha tiġi stampata b'linka permanenti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, b'mod li l-kontenut tagħha jkun jidher b'mod ċar u jinqara faċilment.

4. Jekk tintuża tikketta kkulurita fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija ta' pjanti jew partijiet ta' pjanti, il-kulur tat-tikketta għandu jkun:

(a) abjad bi strixxa vjola dijagonali għal materjal prebażiku;

(b) abjad għal materjal bażiku;

(c) blu għal materjal iċċertifikat.

5. It-tikketta għandha titwaħħal fuq il-pjanti jew il-partijiet ta' pjanti li għandhom jiġu kkumerċjalizzati bħala materjal tal-propagazzjoni jew pjanti tal-frott. Meta tali pjanti jew partijiet ta' pjanti jkunu maħsuba biex jiġu kummerċjalizzati bħala parti minn pakkett, mazz jew kontenitur, it-tikketta għandha titwaħħal ma' dak il-pakkett, lott jew kontenitur.

Meta, b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, materjal tal-propagazzjoni jew pjanti tal-frott jiġu kkummerċjalizzati b'tikketta waħda, dik it-tikketta għandha titwaħħal mal-pakkett, il-mazz jew il-kontenitur li jirriżulta minn dak il-materjal tal-propagazzjoni jew minn dawk il-pjanti tal-frott.

*Artikolu 3*

**Id-dokument ta' akkumpanjament għal materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat**

1. Stat Membru jista' jistipula li l-korp uffiċjali responsabbli jew il-fornitur ikkonċernat, taħt is-superviżjoni tal-korp uffiċjali responsabbli, iħejju dokument ta' akkumpanjament għal lottijiet ta' varjetajiet jew tipi differenti ta' materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat maħsuba biex jiġu kkumerċjalizzati flimkien, biex tiġi kkomplementata t-tikketta msemmija fl-Artikolu 2.

2. Id-dokument ta' akkumpanjament għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2), u kif indikat fuq it-tikketta rispettiva;

(b) għandu jkun miktub b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni;

(c) għandu jiġi ppreżentat mill-inqas f'żewġ kopji (kopja għall-fornitur u oħra għad-destinatarju);

(d) għandu jakkumpanja l-materjal mill-post tal-fornitur sal-post tal-benefiċjarju;

(e) għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tad-destinatarju;

(f) għandu jinkludi d-data tal-ħruġ tad-dokument;

(g) għandu jinkludi, fejn xieraq, informazzjoni addizzjonali li hija rilevanti għal-lottijiet ikkonċernati.

3. F'każ li l-informazzjoni fid-dokument ta' akkumpanjament tikkontradixxi l-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 2, għandha tingħata prijorità lill-informazzjoni li tidher fuq dik it-tikketta.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti dwar is-siġillar u l-imballaġġar għal materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat**

1. Meta materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat jiġi kkumerċjalizzat f'lottijiet ta' żewġ pjanti jew partijiet ta' pjanti jew aktar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-lottijiet ikunu omoġenji biżżejjed.

Pjanti jew partijiet ta' pjanti li jiffurmaw lottijiet ta' dan it-tip għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (a) jew tal-punt (b):

(a) il-pjanti jew partijiet ta' pjanti jinsabu f'imballaġġ jew f'kontenitur issiġillat, skont kif definit fil-paragrafu 2; jew

(b) il-pjanti jew partijiet ta' pjanti jiffurmaw parti minn mazz, issiġillat skont kif definit fil-paragrafu 2.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "siġillar" tfisser: fil-każ ta' pakkett jew kontenitur, għeluq b'tali mod li ma jkunx jista' jsir ftuħ mingħajr ma ssir ħsara lill-mekkaniżmu tal-ftuħ, u fil-każ ta' mazz, li l-pjanti jiġu marbuta b'tali mod li l-pjanti jew il-partijiet tal-pjanti li jiffurmaw parti mill-mazz ma jkunux jistgħu jiġu separati minn xulxin mingħajr ma ssir ħsara lill-qafla jew lill-qfieli. Il-pakkett, il-kontenitur jew il-mazz għandhom jiġu ttikkettati b'tali mod li dawn ma jibqgħux validi jekk titneħħielhom it-tikketta.

*Artikolu 5*

**Id-dokument tal-fornitur għal materjal CAC**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal CAC jiġi kkumerċjalizzat filwaqt li jkun akkumpanjat minn dokument imħejji mill-fornitur u li jkun konformi mal-paragrafi 2 u 3, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "id-dokument tal-fornitur".

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokument tal-fornitur ma jkunx jixbah tikketta minn dawk imsemmija fl-Artikolu 2 jew dokument ta' akkumpanjament imsemmi fl-Artikolu 3, u dan sabiex jiġi evitat li tinħoloq konfużjoni bejn id-dokument tal-fornitur u dawn iż-żewġ dokumenti.

2. Id-dokument tal-fornitur għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-indikazzjoni "Regoli u standards tal-UE";

(b) l-Istat Membru fejn ikun ġie mħejji d-dokument tal-fornitur, jew il-kodiċi rispettiv;

(c) il-korp uffiċjali responsabbli jew il-kodiċi rispettiv;

(d) isem il-fornitur, jew in-numru ta' reġistrazzjoni/kodiċi tiegħu maħruġ mill-korp uffiċjali responsabbli;

(e) in-numru tas-serje individwali, in-numru tal-ġimgħa jew in-numru tal-lott;

(f) l-isem botaniku;

(g) il-materjal CAC;

(h) id-denominazzjoni tal-varjetà u, fejn xieraq, il-klonu. Fil-każ ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà, l-isem tal-ispeċi jew tal-ibridu interspeċifiku ikkonċernat. Għal pjanti tal-frott imlaqqma, din l-informazzjoni għandha tingħata għar-riżoma u għall-parti mlaqqma ta' fuq. Fil-każ tal-varjetajiet li għalihom tkun għadha pendenti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni uffiċjali jew għal dritt fuq varjetà ta' pjanta, din l-informazzjoni għandha tindika: id-"denominazzjoni proposta" u l-"applikazzjoni pendenti";

(i) il-kwantità;

(j) il-pajjiż ta' produzzjoni u l-kodiċi rispettiv, meta l-pajjiż ta' produzzjoni jkun differenti mill-Istat Membru fejn ikun ġie mħejji d-dokument tal-fornitur;

(k) id-data tal-ħruġ tad-dokument.

3. Id-dokument tal-fornitur għandu jiġi stampat b'linka permanenti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, b'mod li l-kontenut tiegħu jkun jidher b'mod ċar u jinqara faċilment.

*Artikolu 6*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 7*

**Klawżola ta' reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Artikolu 2(4) sal-1 ta' Jannar 2019.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 9*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/97/UE**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' fornituri u ta' varjetajiet u l-lista komuni ta' varjetajiet**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 7(5) u (6) tagħha,

Billi:

(1) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar ir-reġistru tal-fornituri previst fid-Direttiva 2008/90/KE u l-obbligi ta' notifika tal-fornituri.

(2) Għall-finijiet ta' trasparenza, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dan ir-reġistru disponibbli, fejn jixraq. Id-deċiżjoni dwar jekk dak ir-reġistru, jew partijiet minnu għandhomx jiġu ppubblikati hija f'idejn l-Istati Membri.

(3) Għandu jiġi pprovdut reġistru tal-varjetajiet. Dan ir-reġistru għandu jinkludi varjetajiet irreġistrati fid-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE ([2]), u għandu jinkludi dawk irreġistrati fid-Direttiva 2008/90/KE. Dan ir-reġistru għandu jindika jekk il-varjetajiet għandhomx deskrizzjoni uffiċjali jew deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali.

(4) Il-varjetajiet ġenetikament modifikati għandhom jiġu rreġistrati biss jekk l-organiżmu ġenetikament modifikat li l-varjetà tkun tikkonsisti minnu jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(5) Għandhom jiġu previsti l-kundizzjonijiet taħt liema l-varjetajiet għandhom ikunu rreġistrati bħala varjetajiet b'deskrizzjoni uffiċjali u l-proċedura għar-reġistrazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jistgħu, kif previst fid-Direttiva 2008/90/KE, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni ta' varjetà b'deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali.

(6) Sabiex jirreġistra varjetà bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jistabbilixxi t-tali deskrizzjoni.

(7) Għandhom jiġu previsti l-perjodu ta' validità ta' reġistrazzjoni, it-tiġdid tar-reġistrazzjoni u t-tneħħija ta' varjetà mir-reġistru tal-varjetajiet.

(8) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni b'ċerta informazzjoni dwar varjetajiet reġistrati u applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet. Abbażi ta' dik l-informazzjoni l-Kummissjoni għandha tippubblika lista komuni ta' varjetajiet biex tinħoloq bażi ta' dejta trasparenti u faċilment konsultabbli biex tiżdied il-fiduċja fis-suq.

(9) Huwa xieraq li d-Direttiva tal-Kummissjoni 93/79/KEE tiġi mħassra ([5]).

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Pjanti tal-Ġeneri u l-Ispeċi tal-Frott,

([1]) ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il- marketing tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 157, 10.6.1992, p. 10).

([3]) Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx deliberat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, tas-17.4.2001, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/79/KEE tal-21 ta' Settembru 1993 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet addizzjonali ta' implimentazzjoni għal listi tal-varjetajiet tal-materjal għall-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott, kif miżmuma mil-fornituri permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE (ĠU L 256, 14.10.1993, p. 25).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Reġistru ta' fornituri**

1. L-Istati Membri għandhom iżommu u jaġġornaw reġistru tal-fornituri, kif previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/90/KE. Dak ir-reġistru minn hawn 'il quddiem għandu jissejjaħ "ir-reġistru tal-fornituri".

Barra mill-fornituri rreġistrati skont din id-Direttiva, dan ir-reġistru għandu jinkludi l-fornituri akkreditati skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/34/KEE.

Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-reġistru tal-fornituri.

2. Ir-reġistru tal-fornituri għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) isem, indirizz u dettalji ta' kuntatt tal-fornitur.

(b) attivitajiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2008/90/KE li huma eżerċitati mill-fornitur fl-Istat Membru kkonċernat, l-indirizz tal-istabbiliment prinċipali involut u l-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati; kif ukoll

(c) numru jew kodiċi ta' reġistrazzjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp uffiċjali responsabbli jneħħi persuna fiżika jew ġuridika mir-reġistru ta' fornituri, jekk jiġi stabbilit li din il-persuna ma għadha teżerċita ebda attività fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2008/90/KE.

*Artikolu 2*

**Obbligu ta' notifikazzjoni tal-fornituri**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jinnotifikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b).

L-ebda notifika ma għandha, madankollu, tkun meħtieġa minn fornituri akkreditati skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/34/KEE.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jinfurmaw dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tagħhom li tikkonċerna l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jiġu infurmati dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom u dwar kwalunkwe modifika li tista' ssir fiha f'perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

*Artikolu 3*

**Reġistru tal-varjetajiet**

1. L-Istati Membri għandhom iżommu, jaġġornaw u jippubblikaw reġistru tal-varjetajiet (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "reġistru tal-varjetajiet").

Barra mill-varjetajiet irreġistrati skont din id-Direttiva, ir-reġistru tal-varjetajiet għandu jinkludi varjetajiet irreġistrati qabel it-30 ta' Settembru 2012 skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 92/34/KEE, kif ukoll varjetajiet irreġistrati skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2008/90/KE.

2. Ir-reġistru tal-varjetajiet għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-denominazzjoni tal-varjetà u s-sinonimi;

(b) speċijiet li għalihom tappartjeni l-varjetà;

(c) l-indikazzjoni "deskrizzjoni uffiċjali" jew "deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali", skont kif xieraq;

(d) id-data tar-reġistrazzjoni, jew meta applikabbli, tat-tiġdid tar-reġistrazzjoni;

(e) tmiem il-validità tar-reġistrazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu fajl għal kull varjetà li jirreġistraw. Dan il-fajl għandu jinkludi deskrizzjoni tal-varjetà u sommarju tal-fatti kollha rilevanti għar-reġistrazzjoni tal-varjetà.

*Artikolu 4*

**Kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li varjetà tiġi rreġistrata bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali jekk tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) hija distinta, uniformi u stabbli fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 2;

(b) huwa disponibbli kampjun tal-varjetà; kif ukoll

(c) fir-rigward ta' varjetajiet ġenetikament modifikati, dan l-organiżmu ġenetikament modifikat li l-varjetà tkun tikkonsisti minnu huwa awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

2. Varjetà għandha titqies bħala:

(a) "distinta" meta tkun tista' tingħaraf b'mod ċar, b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiki li jirriżultaw minn ġenotip partikolari jew minn taħlita ta' ġenotipi, minn kull varjetà oħra magħrufa b'mod komuni fid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5;

(b) "uniformi" jekk, suġġett għall-varjazzjoni li tista' tkun mistennija mill-karatteristiki partikolari tal-propagazzjoni tagħha, tkun uniformi b'mod suffiċjenti fl-espressjoni ta' dawk il-karatteristiki li jkunu nklużi fl-eżami għad-distintività, kif ukoll ta' kwalunkwe karatteristiki oħra wżati għad-deskrizzjoni tal-varjetajiet;

(c) "stabbli" meta l-espressjoni tal-karatteristiki inklużi fl-eżami għad-distintività, kif ukoll xi karatteristiki oħrajn użati għad-deskrizzjoni tal-varjetajiet, jibqgħu mhux mibdula wara propagazzjoni ripetuta jew, fil-każ ta' mikropropagazzjoni, fit-tmiem ta' kull ċiklu.

*Artikolu 5*

**Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà**

1. Għar-reġistrazzjoni ta' varjetà bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li tiġi ppreżentata applikazzjoni bil-miktub lill-korp uffiċjali responsabbli tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Flimkien mal-applikazzjoni għandu jkun hemm dan li ġej:

(a) l-informazzjoni meħtieġa mill-kwestjonarji tekniċi stabbiliti fiż-żmien tal-applikazzjoni:

   (i) fl-Anness II għall-"Protokolli għall-provi għal ċarezza, uniformità u stabbiltà" tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) għall-ispeċijiet rilevanti li għalihom dan il-Protokoll ġie ppubblikat; jew, f'każijiet fejn ma jkunu ġew ippubblikati ebda protokolli ta' dan it-tip,

   (ii) fit-Taqsima X tal-"Linji gwida ta' prova għat-tmexxija ta' provi għaċ-ċarezza, uniformità u stabbilità" tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV) u l-Anness ta' din il-linja gwida tat-test ikkonċernat għall-ispeċijiet rilevanti li għalihom ikunu ġew ippubblikati dawn il-linji gwida; jew, f'każijiet fejn ma jkunu ġew ippubblikati ebda linji gwida ta' dan it-tip,

   (iii) f'dispożizzjonijiet nazzjonali;

(b) informazzjoni dwar jekk il-varjetà hijiex uffiċjalment irreġistrata fi Stat Membru ieħor, jew hijiex is-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' dan it-tip fi Stat Membru ieħor;

(c) denominazzjoni proposta;

(d) fil-każ ta' varjetà ġenetikament modifikata, l-evidenza li l-organiżmu ġenetikament modifikat li l-varjetà tikkonsisti minnu jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id- Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

3. L-applikant jista' jissottometti kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin mal-applikazzjoni tiegħu:

(a) deskrizzjoni uffiċjali stabbilita, skont l-Artikolu 6(5), minn korp uffiċjali responsabbli ta' Stat Membru ieħor;

(b) kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.

*Artikolu 6*

**Eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta korp uffiċjali responsabbli jirċievi applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' varjetà bħala varjetà b'deskrizzjoni uffiċjali, jitwettaq eżami ta' dik il-varjetà skont il-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Għandhom jitwettqu aktar provi ta' kultivazzjoni biex tiġi stabbilita deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetà.

Madankollu, meta l-applikant jissottometti informazzjoni skont l-Artikolu 5(3)(a) u l-korp uffiċjali responsabbli jikkunsidra li din l-informazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ikunu ġew issodisfati, ma għandhom jitwettqu l-ebda provi ta' kultivazzjoni oħra.

Meta jkollhom jitwettqu provi ta' koltivazzjoni, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jitlob kampjun tal-materjal tal-varjetà.

3. Il-provi ta' kultivazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu minn dawn li ġejjin:

(a) il-korp uffiċjali responsabbli li jirċievi l-applikazzjoni; jew

(b) il-korp uffiċjali responsabbli ta' Stat Membru ieħor wara li jkun qabel li jwettaq dawk il-provi; jew

(c) kwalunkwe persuna legali, skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2008/90/KE.

Kull meta japplika l-punt (c) u l-provi jitwettqu fil-bini ta' intrapriżi privati, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jiżgura li ma jiġu applikati ebda miżuri li jistgħu jinterferixxu mal-eżami uffiċjali.

4. Il-provi tal-kultivazzjoni għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin rigward id-disinn tal-prova, il-kundizzjonijiet ta' tkabbir u l-karatteristiki tal-varjetà li għandhom jiġu koperti bħala minimu:

(a) il-"Protokolli għall-provi għaċ-ċarezza, l-uniformità u s-stabbiltà" tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) applikabbli fil-bidu tal-eżami tekniku; jew, meta ma jkunu ġew ippubblikati ebda protokolli għall-ispeċi rilevanti,

(b) il-"Linji gwida għall-eżekuzzjoni ta' provi għaċ-ċarezza, uniformità u stabbilità" tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV) applikabbli fil-bidu tal-eżami tekniku; jew, meta ma jkunu ġew ippubblikati ebda linji gwida għall-ispeċijiet rilevanti,

(c) dispożizzjonijiet nazzjonali.

5. Jekk abbażi tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1, il-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li l-varjetà kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5, dan għandu jistabbilixxi deskrizzjoni uffiċjali u jinkludi dik il-varjetà fir-reġistru tal-varjetajiet.

*Artikolu 7*

**Perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet**

Il-perjodu massimu ta' validità tar-reġistrazzjoni ta' varjetà għandu jkun ta' 30 sena.

Fil-każ tal-varjetajiet ġenetikament modifikati, il-validità tar-reġistrazzjoni għandha tkun limitata għall-perjodu li fih dan l-organiżmu ġenetikament modifikat li l-varjetà tkun tikkonsisti minnu jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

*Artikolu 8*

**Tiġdid ta' reġistrazzjoni tal-varjetajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistrazzjoni ta' varjetà tkun tista' tiġġedded għal perjodi massimi ulterjuri ta' 30 sena, sakemm il-materjal ta' dik il-varjetà jkun għadu disponibbli.

Barra minn hekk, fil-każ ta' varjetà ġenetikament modifikata, it-tiġdid għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-organiżmu ġenetikament modifikat rispettiv ikompli jkun awtorizzat għall-kultivazzjoni skont id-Direttiva 2001/18/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Il-perjodu ta' tiġdid għandu jkun limitat għall-perjodu ta' awtorizzazzjoni tal-organiżmu ġenetikament modifikat ikkonċernat.

2. Fil-każ tat-tiġdid tar-reġistrazzjoni, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li tiġi ppreżentata applikazzjoni bil-miktub lill-korp uffiċjali responsabbli tal-Istat Membru kkonċernat. Mal-applikazzjoni għandha tingħata evidenza li turi li dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati.

Madankollu, Stat Membru jista' jġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà li għaliha ma tkun ġiet sottomessal-ebda applikazzjoni bil-miktub, fejn iqis li t-tiġdid iservi biex tiġi ppreżervata d-diversità ġenetika u l-produzzjoni sostenibbli, jew li jservi interess ġenerali ieħor.

*Artikolu 9*

**It-tneħħija ta' varjetà mir-reġistru tal-varjetajiet**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li varjetà titneħħa mir-reġistru tal-varjetajiet jekk:

(a) il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux għadhom qed jiġu ssodisfati;

(b) fiż-żmien tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew matul l-eżami, ikunu ngħataw dettalji foloz jew frawdolenti dwar il-fatti li fuqhom tkun ġiet irreġistrata l-varjetà.

*Artikolu 10*

**Notifikazzjonijiet**

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-korpi uffiċjali responsabbli tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċessat ir-reġistru tal-varjetajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun dwar l-inklużjoni ta' varjetà fir-reġistru tal-varjetajiet tiegħu, u dwar kwalunkwe emenda oħra għar-reġistru tal-varjetajiet tiegħu.

2. Kull Stat Membru għandu, fuq talba, jagħmel disponibbli għal Stat Membru ieħor jew għall-Kummissjoni:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali jew rikonoxxuta b'mod uffiċjali tal-varjetajiet irreġistrati fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) ir-riżultati ta' eżamijiet ta' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' varjetajiet imwettqa mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 6;

(c) kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli fir-rigward ta' varjetajiet inklużi fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Istat Membru kkonċernat jew li jkunu tneħħew minn dak ir-reġistru;

(d) il-lista tal-varjetajiet li l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tagħhom ikunu għadhom pendenti fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 11*

**Lista komuni**

Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-informazzjoni li tirċievi skont is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 10(1), tistabbilixxi, taġġorna u tippubblika b'mod regolari f'format elettroniku, lista komuni ta' varjetajiet inklużi fir-reġistri tal-varjetajiet tal-Istati Membri.

*Artikolu 12*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-1 ta' Jannar 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 13*

**Revoka**

Id-Direttiva 93/79/KEE hi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Indirizzi**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/98/UE**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi tal-pjanti tal-frott imsemmija fl-Anness I tagħha, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6(4), 9(1) u 13(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat għandhom iqisu ċ-ċikli differenti tal-produzzjoni tad-diversi ġeneri u speċijiet li tkopri din id-Direttiva.

(2) Jeħtieġ li l-materjal prebażiku jkun konformi ma' rekwiżiti stretti ħafna dwar is-saħħa u l-kwalità sabiex jiġu żgurati s-saħħa u l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott derivati minn materjal prebażiku.

(3) Sabiex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-kwalità ta' materjal prebażiku, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istabbiliment u l-verifika tal-appartenenza awtentika tiegħu għall-varjetà li huwa parti minnha dak il-materjal. Barra minn hekk, l-identifikazzjoni u l-kwalità ta' materjal prebażiku għandhom jiġu żgurati permezz ta' regoli li jikkonċernaw il-propagazzjoni tiegħu, li tista' tinkludi tiġdid u multiplikazzjoni. Sabiex tiġi żgurata s-saħħa ta' materjal prebażiku, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli dwar in-nuqqas ta' organiżmi ta' ħsara, u dwar l-ispezzjonijiet, l-ikkampjunar u l-ittestjar, skont kif xieraq għall-ġeneru u l-ispeċi kkonċernati. Barra minn hekk, il-kwalità ta' dak il-materjal għandha tiġi żgurata permezz tal-adozzjoni ta' regoli dwar id-difetti.

(4) Sabiex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-kwalità ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà, dawk tar-riżomi għandhom ikunu jaqblu bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li huma parti minnha.

(5) Jeħtieġ li jiġu identifikati l-pjanti li minnhom ikun hemm ħsieb li jittieħed materjal għall-produzzjoni ta' materjal bażiku jew ta' materjal iċċertifikat, għajr il-pjanti tal-frott. Dawn il-pjanti jissejħu "pjanti omm". Il-pjanti omm għall-produzzjoni ta' materjal prebażiku ("pjanti omm prebażiċi") għandhom jissodisfaw l-istess rekwiżiti li jridu jissodisfaw l-materjal prebażiku. Il-pjanti omm għal materjal prebażiku u l-materjal prebażiku għandhom jiġu identifikati matul il-proċess kollu tal-produzzjoni. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jistabbilixxi l-eżattezza tal-qbil tal-pjanta omm prebażika mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħha permezz tal-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatterisitiki tal-varjetà. Barra minn hekk, l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tal-pjanta omm prebażika u tal-materjal prebażiku derivat għandha tiġi verifikata fuq bażi regolari.

(6) Fil-każ ta' materjali maħsuba għaċ-ċertifikazzjoni, l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni ta' varjetà għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' deskrizzjoni uffiċjali ta' dik il-varjetà, li tiżgura li l-varjetà hija distinta, uniformi u stabbli, id-deskrizzjoni li takkumpanja applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għal dritt fuq varjetà ta' pjanta jew deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali. Fil-każ ta' varjetà b'deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali, huwa xieraq li jintalab li l-varjetà tkun ġiet irreġistrata f'reġistru nazzjonali sabiex jiġi żgurat li din id-deskrizzjoni hija xierqa għall-materjal li tkun qed issirlu ċ-ċertifikazzjoni.

(7) Fil-każ ta' materjal pre-bażiku u bażiku, għandu jkun possibbli wkoll li l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' varjetà fi Stat

([1]) ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8.

Membru, u fuq il-bażi ta' deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta, sakemm ir-rapport ikun diġà disponibbli fl-Unjoni jew f'pajjiż terz fejn huwa indikat li l-varjetà rispettiva hija distinta, uniformi u stabbli. L-għan tal-għoti ta' dik il-possibbiltà hu li jiġu aċċelerati l-fażijiet inizjali tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, f'każijiet fejn ir-reġistrazzjoni tal-varjetà tkun kważi tlestiet iżda tkun għadha pendenti. Madankollu, u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm trasparenza u li jsiru għażliet infurmati għall-utenti ta' dak il-materjal, il-kummerċjalizzazzjoni għandha tiġi permessa biss ladarba tkun ġiet konkluża r-reġistrazzjoni tal-varjetà.

(8) Huwa importanti li jiġu applikati dispożizzjonijiet stretti fir-rigward tal-protezzjoni ta' materjal prebażiku mit-tipi kollha ta' infezzjonijiet minn organiżmi ta' ħsara. Għalhekk, il-fornituri għandhom iżommu l-pjanti omm prebażiċi u l-materjali prebażiċi f'faċilitajiet deżinjati, li fihom ma jistgħux jidħlu insetti u li jiżguraw ambjent ħieles mill-infezzjonijiet trażmessi minn vetturi tal-ajru u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra. Għall-istess raġuni, il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jiġu iżolati mill-ħamrija u jitkabbru jew jiġu prodotti fi qsari mimlija b'materjal għat-tkabbir sterilizzat, tat-tip mingħajr ħamrija. Madankollu, u sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet ta' produzzjoni partikolari, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw għall-awtorizzazzjoni biex jipproduċu pjanti omm prebażiċi u materjal prebażiku fl-għelieqi, sakemm jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' infezzjoni mill-organiżmi ta' ħsara rilevanti.

(9) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([1]) tistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti organiżmi ta' ħsara u tat-tixrid tagħhom fiha. Dawn jinkludu wkoll rekwiżiti għal ċerti ġeneri u speċijiet li jikkumplimentaw ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni f'din id-Direttiva fir-rigward tal-organiżmi ta' ħsara koperti bid-Direttiva 2000/29/KE. Għandhom jiġu stipulati wkoll regoli addizzjonali dwar organiżmi ta' ħsara oħra. Meta organiżmu ta' ħsara jkun kapaċi jikkawża ħsara mhux aċċettabbli lis-saħħa jew lill-utilità ta' materjal prebażiku tal-ġeneri jew tal-ispeċijiet ikkonċernati, in-nuqqas tiegħu għandu jkun meħtieġ. Dawn l-organiżmi ta' ħsara għandhom jiġu elenkati. Meta organiżmu ta' ħsara jkun kapaċi jikkawża ħsara ta' dan it-tip biss meta l-preżenza tiegħu jaqbeż ċertu livelli, il-preżenza tiegħu għandha tiġi pprojbita biss fi kwantitajiet li jaqbżu dawk il-livelli. Dawn l-organiżmi ta' ħsara għandhom jiġu elenkati separatament minn dawk li jinħtieġ n-nuqqas tagħhom.

(10) Il-pjanti omm prebażiċi kandidati huma l-punt tat-tluq tal-proċess ta' produzzjoni u ta' ċertifikazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott. Għal dik ir-raġuni, dawn għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti fitosanitarji stretti ħafna biex jiġi żgurat li jkunu ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara rilevanti. Minħabba l-bijoloġija u l-karatteristiki tal-ġeneri jew speċijiet rispettivi tal-pjanti u l-organiżmi ta' ħsara rilevanti kkonċernati, għandu jkun meħtieġ li jsiru spezzjonijiet viżwali tal-pjanti omm prebażiċi kandidati għad-detezzjoni tal-preżenza tal-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness I. F'każ li jkun hemm dubji rigward il-preżenza ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara, kull pjanta omm prebażika kandidata għandha tiġi kkampjunata u ttestjata sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sejbiet preċiżi. Kull pjanta omm prebażika kandidata għandha tiġi ttestjata għall-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness II, sabiex in-nuqqas ta' organiżmi ta' ħsara rilevanti jiġi żgurat b'ċertezza. Għandhom jiġu applikati rekwiżiti simili ħafna għall-pjanti omm prebażiċi prodotti permezz tat-tiġdid, minħabba l-importanza tagħhom għall-proċess ta' produzzjoni ulterjuri u għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni.

(11) Minħabba l-bijoloġija u l-karatteristiki tal-ġeneri jew speċijiet rispettivi tal-pjanti u l-organiżmi ta' ħsara rilevanti kkonċernati, għandu jkun meħtieġ li jsiru spezzjonijiet viżwali tal-pjanti omm prebażiċi jew tal-materjal prebażiku għad-detezzjoni tal-preżenza tal-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Annessi I u II. F'każ li jkun hemm dubji rigward il-preżenza ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara, il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sejbiet preċiżi.

(12) Minħabba l-bijoloġija u l-karatteristiki tal-ġeneri jew speċijiet rispettivi tal-pjanti u l-organiżmi ta' ħsara kkonċernati, għandhom jiġu stabbiliti regoli xierqa dwar kemm għandhom isiru ta' spiss l-ispezzjonijiet viżwali, l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanti omm bażiċi, tal-materjal bażiku, tal-pjanti omm iċċertifikati u tal-materjal iċċertifikat. Dawk ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq l-esperjenza miksuba mill-korpi uffiċjali responsabbli u mill-produtturi tal-pjanti tal-frott waqt l-applikazzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali. Dawk ir-regoli għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-utenti ta' kategorija partikolari.

(13) Il-preżenza ta' ċerti organiżmi ta' ħsara fil-ħamrija, u b'mod partikolari dik tan-nematodi, tista' tikkawża ħsara mhux aċċettabbli lis-saħħa u lill-utilità tal-pjanti kkonċernati, f'każ li dawn l-organiżmi ta' ħsara jkunu qed iġorru fuqhom vajrusis li jaffettwaw il-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk dawk l-organiżmi ta' ħsara għandhom jiġu elenkati u identifikati separatament, u l-preżenza tagħhom fil-ħamrija rispettiva m'għandhiex tiġi permessa, sakemm ma jintweriex li huma ħielsa mill-vajrus rilevanti permezz ta' testijiet. L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom juru jekk humiex preżenti dawn l-organiżmi ta' ħsara jew il-vajrusis rilevanti. Biex jiġu stabbiliti regoli dwar l-ikkampjunar u l-ittestjar, għandhom jiġu kkunsidrati l-kategoriji differenti tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott. Madankollu, huwa proporzjonat li jiġi permess, taħt ċerti kundizzjonijiet li l-ikkampjunar u l-ittestjar ma jsirux meta l-pjanti ospitanti ma jkunux tkabbru fl-għalqa tal-produzzjoni għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

(14) Meta jsiru l-ikkampjunar u l-ittestjar, dawn għandhom isiru skont il-protokolli tal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO), jew skont protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-prattika tal-ikkampjunar u l-ittestjar imwettqa fl-Unjoni tkun aġġornata mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi internazzjonali. Meta protokolli bħal dawn ma jkunux disponibbli, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom isiru skont il-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali.

(15) Il-kwalità u l-utilità ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku jistgħu jiġu affettwati minn ħsara fiżika, telf tal-kulur, ċikatriċi, tnixxif u difetti oħra. Għalhekk, għandu jiġi stabbilit li l-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom ikunu prattikament ħielsa minn kull difett ta' dan it-tip.

(16) Sabiex jiġi garantit li l-kwalità tal-materjal tal-propagazzjoni tkun ta' livell xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli għall-manutenzjoni tiegħu taħt kundizzjonijiet xierqa. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiddependu mill-kategorija tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott taħt ċertifikazzjoni. Fid-dawl tal-iżviluppi riċenti, huwa importanti li jiġi permess ukoll il-metodu ta' żamma permezz tat-tkessiħ b'temperaturi baxxi ħafna, magħruf bħala krijopreżervazzjoni. Dan huwa meqjus bħala alternattiva utli għall-koltura *in vitro* minħabba li l-proprjetajiet tal-materjal tal-propagazzjoni ma jinbidlux matul il-ħażna f'dawn it-temperaturi.

(17) Il-materjal bażiku jikkostitwixxi l-istadju ta' produzzjoni li jmiss wara dak tal-materjal prebażiku. Għalhekk, il-pjanti omm għall-produzzjoni tal-materjal bażiku (pjanti omm bażiċi) għandhom jew jiġu mkabbra minn materjal prebażiku, jew jiġu multiplikati minn pjanti omm bażiċi oħra.

(18) Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-materjal bażiku għandhom ikunu l-istess bħar-rekwiżiti għall-materjal prebażiku fir-rigward tal-identifikazzjoni, is-saħħa u l-kwalità, minħabba li dawk ir-rekwiżiti huma tal-istess livell ta' importanza għas-saħħa u għall-utilità tal-materjal bażiku. Madankollu, għandu jiġi permess li l-materjal bażiku jiġi prodott f'għelieqi fil-miftuħ sabiex tiġi faċilitata l-propagazzjoni effettiva tiegħu fil-ġenerazzjonijiet u l-kategoriji li jmiss. Għalhekk, ir-rekwiżiti għaż-żamma tal-materjal bażiku għandhom jippermettu li ssir il-manutenzjoni f'faċilitajiet protetti mill-insetti jew f'għelieqi li huma iżolati minn sorsi potenzjali ta' infezzjoni minn vetturi tal-ajru, kuntatt bejn l-għeruq, infezzjoni inkroċjata ikkawżata minn makkinarju, għodod tat-tilqim u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra.

(19) Il-pjanti omm bażiċi li jiġu mkabbra minn materjal prebażiku għandhom jitħallew jiġu mmultiplikati f'għadd ta' ġenerazzjonijiet sabiex jinkiseb l-għadd ta' pjanti omm bażiċi meħtieġ għall-produzzjoni ta' materjal bażiku u ċċertifikat. Ġenerazzjonijiet differenti ta' pjanti omm bażiċi għandhom jinżammu separati minn ma' xulxin u għandu jkun possibbli li dawn jiġu identifikati tul il-proċess kollu tal-produzzjoni.

(20) Materjal iċċertifikat u pjanti tal-frott iċċertifikati jistgħu jikkostitwixxu l-istadju li jmiss tal-proċess ta' produzzjoni, wara dak tal-materjal prebażiku jew tal-materjal bażiku. Għalhekk, il-pjanti omm għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat (pjanti omm iċċertifikati) għandhom jiġu mkabbra minn materjal prebażiku jew minn materjal bażiku.

(21) Għandhom jiġu adottati rekwiżiti minimi sabiex tiġi żgurata proċedura armonizzata għall-istipular u l-verifika tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà, fir-rigward tal-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li għandhom jiġu kkwalifikati bħala materjal CAC. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu inqas stretti mir-rekwiżiti għal materjal prebażiku, bażiku u ċċertifikat, peress li l-materjal CAC jagħti lok għal aspettattivi aktar baxxi minnaħa tal-utenti fir-rigward tas-saħħa u l-kwalità tiegħu minħabba li jiġu applikati proċeduri u stadji ta' produzzjoni aktar sempliċi. Madankollu, il-fornituri għandhom jiżguraw l-identifikazzjoni ta' materjal maħsub biex jintuża għall-propagazzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li japplikaw standards tal-kwalità u tas-saħħa li huma xierqa fir-rigward tat-tkabbir ta' materjal CAC u tal-aspettattivi tal-utenti ta' dak il-materjal tal-propagazzjoni. Fid-dawl tan-natura tal-organiżmi ta' ħsara li jaffettwaw ċertu speċijiet ta' *Citrus* L., u lil *Fortunella* Swingleu *Poncirus* Raf., jeħtieġ li jkun hemm regoli speċifiċi dwar l-ispezzjonijiet viżwali, l-ikkampjunar u l-ittestjar sabiex jiġi żgurat li l-materjal tal-propagazzjoni rispettiv jew il-pjanti tal-frott rispettivi huma ta' kwalità u ta' saħħa xierqa.

(22) Sabiex il-korp uffiċjali responsabbli jkun jista' jwettaq spezzjonijiet uffiċjali u jivverifika jekk il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott humiex konformi mal-istandards tal-kwalità u tas-saħħa għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali stabbilita f'din id-Direttiva, il-fornitur għandu jkollu fis-seħħ pjan biex jidentifika u jimmonitorja punti kruċjali fil-proċess ta' produzzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott għall-ġeneri jew l-ispeċijiet rilevanti, u għandu jżomm rekords dwar dak il-monitoraġġ. Il-pjan u r-rekords tal-ispezzjonijiet tal-għelieqi, tal-kampjunar u tal-ittestjar għandhom jinżammu sakemm il-materjal tal-propagazzjoni rispettiv jew il-pjanti tal-frott rispettivi

jibqgħu taħt il-kontroll tal-fornitur, u għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara li dak il-materjal tal-propagazzjoni jew dawk il-pjanti tal-frott jitneħħew jew jiġu kummerċjalizzati.Dan il-perjodu huwa meħtieġ sabiex tkun tista' ssir l-individwazzjoni ta' organiżmi ta' ħsara fuq pjanti tal-injam, li fuqhom is-sintomi ġieli jidhru biss bosta snin wara li tkun seħħet l-infezzjoni.

(23) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott jiġu spezzjonati b'mod uffiċjali matul il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata proċedura armonizzata għat-twettiq ta' spezzjonijiet uffiċjali, għandhom jiġu stabbiliti regoli għal-ispezzjonijiet viżwali u, fejn xieraq, għall-ikkampjunar u l-ittestjar.

(24) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-kummerċ, l-Istati Membri għandhom jitħallew jawtorizzaw, għal perjodu tranżitorju, il-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħhom ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott prodotti minn pjanti omm prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati, jew minn pjanti omm CAC li kienu diġà jeżistu fid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva anki jekk dak il-materjal jew dawk il-pjanti tal-frott ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet il-ġodda.

(25) Għalhekk, id-Direttivi 93/48/KEE ([1]) u 93/64/KEE ([2]) għandhom jiġu revokati.

(26) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Pjanti tal-Ġeneri u l-Ispeċi tal-Frott,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

**DEFINIZZJONIJIET U DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pjanta omm" tfisser pjanta identifikata maħsuba għall-propagazzjoni;

(2) "pjanta omm prebażika kandidata" tfisser pjanta omm li l-fornitur għandu l-ħsieb li jikseb aċċettazzjoni għaliha bħala pjanta omm prebażika;

(3) "pjanta omm prebażika" tfisser pjanta omm maħsubagħall-produzzjoni ta' materjal prebażiku;

(4) "pjanta omm bażika" tfisser pjanta omm maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal bażiku;

(5) "pjanta omm iċċertifikata" tfisser pjanta omm maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat;

(6) "organiżmu ta' ħsara" tfisser kwalunkwe speċi, razza jew bijotip ta' pjanta, annimal jew patoġenu li jikkawża ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u li huwa mniżżel fl-Annessi I, II u III;

(7) "spezzjoni viżwali" tfisser l-eżaminazzjoni ta' pjanti jew ta' partijiet ta' pjanti fuq l-għajn, mingħajr l-użu ta' tagħmir bħal lentijiet, sterjomikroskopju jew mikroskopju;

(8) "test" tfisser eżaminazzjoni, għajr spezzjoni viżwali;

(9) "pjanta tal-frott" tfisser pjanta mnissla minn pjanta omm u li tkun ġiet imkabbra għall-produzzjoni tal-frott sabiex tkun tista' ssir il-verifikazzjoni tal-identità tal-varjetà ta' dik il-pjanta omm;

(10) "kategorija" tfisser materjal prebażiku, materjal bażiku, materjal iċċertifikat jew materjal CAC;

(11) "multiplikazzjoni" tfisser il-produzzjoni veġetattiva ta' pjanti omm sabiex ikun jista' jinkiseb numru suffiċjenti ta' pjanti omm fl-istess kategorija;

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/48/KEE tat-23 ta' Ġunju 1993 li tistabbilixxi pjan li jindika l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mharsa mill-materjal propagattiv tal-pjanti tal-frott u mill-pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni ta' frott, permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE (ĠU L 250, 7.10.1993, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/64/KEE tal-5 ta' Lulju 1993 li tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni dwar is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-fornituri u l-istabbilimenti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE dwar il-marketing tal-materjal tal-pjanta tal-frott għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 250, 7.10.1993, p. 33).

(12) "tiġdid ta' pjanta omm" tfisser is-sostituzzjoni ta' pjanta omm bi pjanta prodotta minnha stess b'mezzi veġetattivi;

(13) "mikropropagazzjoni" tfisser il-multiplikazzjoni ta' materjal tal-pjanti għall-produzzjoni ta' għadd kbir ta' pjanti, bl-użu tal-koltura *in vitro* ta' blanzuni veġetattivi differenzjati jew ta' meristems veġetattivi differenzjati meħuda minn pjanta;

(14) "prattikament ħielsa minn difetti" tfisser li d-difetti li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità u l-utilità tal-materjal tal-propagazzjoni jew tal-pjanti tal-frott huma preżenti f'livell li hu ugwali għal, jew ta' inqas minn, il-livell mistenni li jirriżulta minn prattiki tajba ta' koltivazzjoni u ta' maniġġjar, filwaqt li dak il-livell huwa konsistenti mal-prattiki tajba ta' koltivazzjoni u ta' maniġġjar;

(15) "prattikament ħielsa minn organiżmi ta' ħsara" tfisser li l-punt sa fejn l-organiżmi ta' ħsara huma preżenti fuq il-materjal tal-propagazzjoni jew fuq il-pjanti tal-frott huwa baxx biżżejjed biex jiġi żgurat li l-kwalità u l-utilità jkunu ta' livell aċċettabbli għall-materjal tal-propagazzjoni;

(16) "laboratorju" tfisser kwalunkwe faċilità użata għall-ittestjar ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott;

(17) "krijopreżervazzjoni" tfisser iż-żamma ta' materjal tal-pjanti billi jiġu mkessħa għal temperaturi baxxi ħafna, sabiex tinżamm il-vijabbiltà tal-materjal.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE huma konformi mal-Artikoli 3 sa 27 ta' din id-Direttiva waqt il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 u 29 ta' din id-Direttiva waqt il-produzzjoni ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE jiġu spezzjonati b'mod uffiċjali skont l-Artikolu 30.

4. Materjal tal-propagazzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċerta kategorija ma għandux jitħallat ma' materjal ta' kategoriji oħra.

KAPITOLU 2

**REKWIŻITI GĦALL-MATERJAL TAL-PROPAGAZZJONI U, META APPLIKABBLI, GĦALL-PJANTI TAL-FROTT**

*TAQSIMA 1*

***Rekwiżiti għall-materjal prebażiku***

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti għaċ-ċertfikazzjoni ta' materjal prebażiku**

1. Materjal tal-propagazzjoni, għajr il-pjanti omm u għajr ir-riżomi li mhumiex parti minn varjetà għandu, fuq talba, jiġi ċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku jekk jinstab li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huwa propagat direttament minn pjanta omm b'konformità mal-Artikolu 13 jew l-Artikolu 14;

(b) jaqbel mad-deskrizzjoni tal-varjetà tiegħu, u l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tkun verifikata skont l-Artikolu 7;

(c) huwa miżmum skont l-Artikolu 8;

(d) huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 dwar is-saħħa;

(e) meta l-Kummissjoni tkun tat deroga skont l-Artikolu 8(4) sabiex il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku jiġu mkabbra f'għalqa taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti, il-ħamrija tkun konformi mal-Artikolu 11;

(f) huwa konformi mal-Artikolu 12 fir-rigward tad-difetti.

2. Il-pjanta omm li ssir referenza għaliha fil-paragrafu (1)(a) għandha jew tkun ġiet aċċettata skont l-Artikolu 5, jew tkun inkisbet permezz tal-multiplikazzjoni skont l-Artikolu 13 jew permezz tal-mikropropagazzjoni skont l-Artikolu 14.

3. Meta pjanta omm prebażika jew materjal prebażiku ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 7 sa 12, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx viċin ta' pjanti omm oħra u ta' materjal prebażiku ieħor. Il-pjanti omm jew il-materjal li jitneħħa jistgħu jintużaw bħala materjal bażiku, iċċertifikat jew CAC, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva għall-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi l-pjanta omm jew il-materjal, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dik il-pjanta omm jew dak il-materjal jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni bħala materjal prebażiku ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà**

1. Riżomi li mhumiex parti minn varjetà għandhom, fuq talba, jiġu ċertifikati b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku jekk jinstabu li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu propagati b'mod dirett minn pjanta omm, permezz ta' propagazzjoni veġetattiva jew sesswali; fil-każ tal-propagazzjoni sesswali, siġar tal-pollinar (pollenisers) jiġu prodotti direttament permezz ta' propagazzjoni veġetattiva minn pjanta omm;

(b) ikunu jaqblu bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li huma parti minnha;

(c) ikunu miżmuma skont l-Artikolu 8;

(d) ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 dwar is-saħħa;

(e) meta l-Kummissjoni tkun tat deroga skont l-Artikolu 8(4) sabiex il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku jiġu mkabbra f'għalqa taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti, il-ħamrija tkun konformi mal-Artikolu 11;

(f) ikunu konformi mal-Artikolu 12 fir-rigward tad-difetti.

2. Il-pjanta omm li ssir referenza għaliha fil-paragrafu (1)(a) għandha jew tkun ġiet aċċettata skont l-Artikolu 6, jew tkun inkisbet permezz tal-multiplikazzjoni skont l-Artikolu 13 jew permezz tal-mikropropagazzjoni skont l-Artikolu 14.

3. Meta riżomi li huma pjanti omm prebażiċi jew materjali prebażiċi ma jkunux għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 8 sa 12, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx viċin ta' pjanti omm oħra u materjal prebażiku ieħor. Ir-riżoma li titneħħa tista' tintuża bħala materjal bażiku, iċċertifikat jew CAC, sakemm din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward tal-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi dawk ir-riżomi, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dawk ir-riżomi jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti għall-aċċettazzjoni ta' pjanta omm prebażika**

1. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jaċċetta pjanta bħala pjanta omm prebażika jekk din tkun konformi mal-Artikoli 7 sa 12, u jekk jiġi stabbilit skont il-paragrafi 2, 3 u 4 li d-deskrizzjoni tagħha tal-varjetà taqbel mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħha.

Dik l-aċċettazzjoni għandha sseħħ fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali u tar-riżultati, ir-rekords u l-proċeduri tal-ittestjar skont l-Artikolu 30.

2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jistabbilixxi l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-pjanta omm prebażika mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħha permezz tal-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatteristiki tal-varjetà. Dik l-osservazzjoni għandha tkun ibbażata fuq wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetajiet irreġistrati fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri nazzjonali, u tal-varjetajiet protetti legalment permezz ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta;

(b) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal varjetajiet li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/97/UE ([1]);

(c) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal varjetajiet li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta;

(d) id-deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali, jekk il-varjetà soġġetta għal dik id-deskrizzjoni tkun rreġistrata f'reġistru nazzjonali.

3. Meta japplika l-punt (b) jew il-punt (c) tal-paragrafu 2, il-pjanta omm prebażika għandha tiġi aċċettata biss jekk ikun hemm disponibbli rapport imħejji minn kwalunkwe korp uffiċjali responsabbli fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li juri li l-varjetà rispettiva hija distinta, uniformi u stabbli. Madankollu, sakemm tiġi konkluża r-reġistrazzjoni tal-varjetà, il-pjanta omm ikkonċernata u l-materjal prodott minnha jistgħu jintużaw biss għall-produzzjoni ta' materjal bażiku jew iċċertifikat, u ma għandhomx jiġu kkummerċjalizzati bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat.

4. Meta l-approvazzjoni tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tkun possibbli biss fuq il-bażi tal-karatteristiki ta' pjanta tal-frott, l-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatterisitiki tal-varjetà għandha titwettaq fuq il-frott ta' pjanta tal-frott li tkun ġiet ippropagata mill-pjanta omm prebażika. Dawk il-pjanti tal-frott għandhom jinżammu separati mill-pjanti omm prebażiċi u mill-materjal prebażiku.

Pjanti tal-frott għandhom jiġu spezzjonati b'mod viżwali waqt l-aktar perjodi xierqa tas-sena filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u ta' tkabbir ta' pjanti tal-ġeneru jew tal-ispeċi kkonċernata.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti għall-aċċettazzjoni ta' riżoma li tagħmilx parti minn varjetà**

Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jaċċetta riżoma li mhijiex parti minn varjetà bħala pjanta omm prebażika jekk id-deskrizzjoni tagħha taqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li hija parti minnha,u jekk din tkun konformi mal-Artikoli 8 sa 12.

Dik l-aċċettazzjoni għandha sseħħ fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali u tar-riżultati, ir-rekords u l-proċeduri tal-ittestjar użati mill-fornitur skont l-Artikolu 30.

*Artikolu 7*

**Verifika tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà**

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom jivverifikaw regolarment l-eżattezza tal-qbil ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħhom, skont l-Artikolu 5(2) u (3), skont kif xieraq għall-varjetà kkonċernata u għall-metodu ta' propagazzjoni użat.

Minbarra l-verifika regolari ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku, wara kull tiġdid, il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom iwettqu verifika tal-pjanti omm prebażiċi li jirriżultaw minnu.

*Artikolu 8*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw iż-żamma ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku**

1. Il-fornituri għandhom iżommu l-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku f'faċilitajiet li huma deżinjati għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati, li fihom ma jistgħux jidħlu insetti u li jiżguraw ambjent ħieles mill-infezzjonijiet trażmessi minn vetturi tal-ajru u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra.

---

([1]) Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/97/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Il-pjanti omm prebażiċi kandidati għandhom jinżammu f'kundizzjonijiet protetti mill-insetti u iżolati f'livell fiżiku minn ma' pjanti omm prebażiċi fil-faċilitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, sakemm jitlestew it-testijiet kollha dwar il-konformità mal-Artikolu 9(1) u (2).

2. Il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jinżammu b'mod li jiżgura li dawn jiġu identifikati b'mod individwali matul il-proċess kollu tal-produzzjoni.

3. Il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jiġu mkabbra jew prodotti b'mod li jkunu iżolati mill-ħamrija, fi qsari mimlija b'materjal għat-tkabbir sterilizzat jew tat-tip ta' mingħajr ħamrija. Dawn għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati permezz ta' tikketti li jiżguraw it-traċċabbiltà tagħhom.

